**QORTI TAL-MAGISTRTI ( MALTA )**

BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI

MAGISTRAT:

DR JOSEPH CASSAR BA.,LL.D.

**Il-Pulizija**

(Spettur Carmelo Magri)

**vs**

**Wael Dwah Mahmoud**

Illum 24 ta` Lulju 2001

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat Wael Dwah Mahmoud, ta` 35 sena, bin Mahmoud u Aida nee` Xnini, imwieled Sirja fit-12 ta` Awissu 1965 u joqghod 'Marlene flats' 2, Triq Testaferrata, Gzira, u li ghandu numru tal-passaport 950439 talli b`diversi att ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozzizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b`rizoluzzjoni wahda u cioe`:

1. Talli fi Triq Giorgio Mitrovich, Msida, fit-18 ta` Settembru 2000, ghall-habta tas-1.15 ta` filghodu,

ikkommetta serq ta` somma flus li tammonta ghal Lm130 u hwejjeg ohra minn fuq il-persuna ta` Maruska Crossley mill-Gzira, liema serq huwa kwalifikat bil-vjolenza, bil-valur u bil-hin.

2. Talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta` awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-istess Marouska Crossley mill-Gzira kontra l-volonta` taghha.

3. Talli fl-istess data  hin u cirkostanzi, hebb ghal Marouska Crossley u permezz ta` strument li jaqta`  u li jniggez (sikkina) ikkagunalha ferita ta` natura hafifa skond kif iccertifika  t-Tabib Degabriele tac-Centru tas-Sahha tal-Gzira.

4. Talli fi Triq Abbate rigord, ta` Xbiex, fit-23 ta` Settembru 2000, ghall-habta tal-10.00 pm., bil-hsieb li jikkommetti serq ta` diversi oggetti minn fuq il-persuna ta` Berryl Wilson, mill-Ingilterra, wera` dan il-hseib b`atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta` tieghu u li kieku sehh kien ikun ikkwalifika bil-vjolenza, bil-valur u bil-hin.

5. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta` awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi tghati s-setgha lill-privat li jarresta lil hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-istess Beryl Wilson,  u lir-ragel taghha Richard Wilson,  it-tnejn mill-Ingilterra, kontra l-volonta` taghhom.

6. Talli fl-istess data hin lok u cirkostanzi, hebb ghal Beryl Wilson u permezz ta` strument li jaqta` u li jniggez (sikkina) ikkagunalha ferita ta` natura hafifa skond kif iccertifika it-tabib Pierre Schembri Wismayer mill-Isptar San Luqa.

7. Talli fi Triq San Gorg, San Giljan, fil-25 ta` Settembru 2000, ghall-habta tas-2.15 ta` filghodu, ikkommetta serq ta` handbag, kontenenti flus u hwejjeg ohra minn fuq il-persuna ta` Margaret Whalley, mill-Ingilterra, liema serq huwa kwalifikat bil-vjolenza, bil-valur u bil-hin.

8. Talli fil-25 ta` Settembru 2000, u fil-granet ta qabel din id-data, xjentement laqa` ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b`qerq, jew akkwistati b`reat, sew jekk dan sar f`Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b`kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

9. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi uza vjolenza sabiex igieghel lill-imsemmija Marouska Crossley, u richard u Beryl Wilson kif ukoll lil Margaret Whalley, jaghmlu, ihallu jsir, jew jonqsu milli jaghmlu xi haga.

10. Talli f`dawn il-Gzejjer fil-25 ta` Settembru 2000, u fil-granet ta` qabel din id-data, zamm jew garr, jew kellu fil-pussess tieghu, strument li jaqta` u li jniggez (sikkina) minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija.

11. Talli kiser il-provvedimenti tal-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta` Malta, datata 8 ta` Frar 2000, moghtija mill-qorti tal-Magistrati (Malta), fejn kien misjub hati ta` reat u liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien dsatax il-xahar.

12. Talli sar recidiv ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-nota tal-Avukat Generali tas-27 ta` Frar 2001, li biha ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Rat li l-prosekuzzjoni irtirat l-akkuza tar-recidiva.

Rt li l-Avukat Generali wara li ra l-Att tal-Kumpilazzjoni, ra li tista` tinstab htija jew htijiet (fol.85).

Rat li fil-5 ta` April 2001 l-akkuzat ammetta l-akkuzi migjuba kontrih.

Issibu hati.

Rat l-Artikoli 18, 261 (a)(c)(f), 262, 267, 270, 274(c), 275, 277 (a), u 279, 86, 221, 334,, 49 u 50 tal-Kapitolu 9, u l-Artikoli 13 u 19 tal-Kapitolu 66, kif ukoll l-Artikolu 10 (1)(a) tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta` Malta.

Tikkundannah **sentejn (2) prigunerija** li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-akkuzat ghamel taht arrest

preventiv, u tittama li jissokta bil-programm, li bih biss jista` jigi f`tieghu ghal gid tieghu u tas-socjeta`.

(ft) Dr Joseph Cassar

MAGISTRAT

Vera kopja

L Spiteri Bailey

Dep Reg.